# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Numru 360/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clive Caruana**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Clive Caruana detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 477084 M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli:

1. Nhar il-21 ta' Mejju 2016 ghal habta ta' 00.30hrs gewwa St. Anne's Crt Blk C, Flt 6, Triq il-Belta Vallettat, Qormi u f'dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Chantelle Caruana f'periklu car, ikkaguna griehi [*recte:* offizi] ta' natura gravi ghad-detriment ta' Chantelle Caruana u/jew persuni ohra;
2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja jew hedded lil Chantelle Caruana u /jew persuni ohra.

Il-Qorti kienet mitluba tapplika il-provedimenti tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta a favur Chantelle Caruana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru, 2018 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal zmien disa' (9) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ma jiddekorrux hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tmintax-il xahar kif ukoll rabtet lill imputat b'obligazzjoni ta' €2,000.00 ghal perjodu ta' sena sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Chantelle Caruana skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clive Caruana intavolat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2018 li bih talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti processwali kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet il-partijiet jittrattaw l-appell.

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma ben rakkontati b'mod minizjuz mill-ewwel Qorti u li kellha din il-Qorti tissintetizza din ir-rassenja allura tosserva illi minn diverbju bejn l-imputat u l-parte civili li huma koppja mizzewga u ghandhom zewgt itfal ta' sentejn, kien hemm kuntatt fiziku tali li kellu ezitu sfortunat fejn il-parte

civile sofriet offizi ta' natura gravi konsistenti fi ksur ta' wiehed minn subghajha li ha zmien aktar mis-soltu sabiex jaghqad. L-ewwel Qorti sabet diversi inkonsistenzi fil-verzjoni tal-parte civile li drammatizzat l-akkadut sal punt li bil-mod kif minnha rakkontati l-fatti suppost li kellha hafna aktar offizi minn dawk attwalment subiti. Madankollu, l-offizi fuq il-persuna taghha ma seta' kellhom l-ebda origini ohra hlief waqt l-inkontru bejn il-partijiet. L-ewwel Qorti ghalhekk, wara li ppermettiet li tinghata xiehda dwar id-diffikultajiet fil-hajja mizzewga tal-partijiet anke jekk ma kienux daqstant rilevanti ghall-kwistjoni quddiemha, xorta wahda sabet htija fl-imputat li dan parti tieghu ukoll deherilha li ma kienx kredibbli f'certi fatti. Jerga' jinghad, izda, li stante d-dettall moghti mill-ewwel Qorti fir-rakkont tal-fatti, jkun inutili li din il-Qorti terga' tghaddi in rassenja dawk il-punti rilevanti;

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b' zewg gravami fil-mertu u iehor dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti anke jekk fit-talbiet tieghu jitlob biss ir-revoka tas-sentenza appellata u mhux it-tibdil taghha. Dan l-ahhar punt, izda, jkun trattat aktar 'l quddiem jekk ikun il-kaz;

3. Illi fl-ewwel aggravju tieghu fil-mertu, l-appellant iressaq l-argument li konxju tal-fatt gurisprudenzjali li mhux kull konflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberazzjoni tal-imputat, "*il-gideb sfaccat tal-parte civile ghandu jammonta ghal dubju ragjonevoli li ghandha tigi nterpretata favur l-imputat*". Il-parti civile rrakontat illi wara d-diverbju li kellha ma' zewgha, dan tefa' flixkun ilma taz-zewg litri fid-direzzjoni taghha, mejda zghira u xi ornamenti izda rnexxielha tevitah, wara li waqghet mal-art

kaxkarha matul il-kamra u waqt li kienet mal-art qabad jaghtiha bis-sieq u bil-ponn kullimkien. Wara dan, tefaghha fuq is-sufan u kompla itiha bl-addocc, bil-ponn u bis-sieq. Din il-verzjoni ma tantx nizlet tajjeb ghall-ewwel Qorti ghaliex minkejja dan l-allegat assedju, l-offizi fuq il-persuna taghha xejn ma kienu kompatibbli ma' dak minnha allegat. Dak li finalment ssubiet il-parte civile kien ksur fis-subgha tal-id il-leminija, tbengila fuq ix-xoffa u fil-genb tal-lemin ta' wiccha. Minghajr ma tnqqas mis-serjeta' u gravita' ta' kull offiza sofferta mill-parti, din il-Qorti, bhall-ewwel wahda qabilha, ma tistax ma tosservax illi kieku verament l-imputat ghamel dak li allegat il-parte civile, huwa naturali li wiehed jistenna li jkollha hafna u hafna aktar offizi ta' natura aktar serja;

4. Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dik tal-ewwel grad li l-parte civile drammatizzat l-akkadut u zzid li ma tifhimx kif l-ewwel Qorti ma ordnatx li jittiehdu passi kontra l-istess parte civile. Issa, fil-fehma tal-appellant, la darba l-parte civile inqabdet tixhed b'dan il-mod li bih il-Qorti ddecidiet li ma setghax gara dak kif rakkontat, allura kien jirrizulta kunflitt fil-provi li kellha twassal ghal-liberatorja tieghu. L-appellant jikkoncedi li l-gurisprudenza hija tali li mhux kull konflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat izda f'dan il-kaz hekk kellha twassal. Din il-Qorti mhix tal-istess fehma. L-offizi li ssubiet il-parte civile huma li huma u hadd ma allega li setghu originaw minn xi cirkostanzi mod iehor. Dak li ppruvat taghmel il-parte civile huwa li sabiex tottjeni kundanna kontra l-imputat, drammatizzat is-sitwazzjoni aktar milli fil-fatt sehh fir-realta' inkluz l-allegazzjoni li dahal id-dar xurban u li beda jdoqq muzika b'volum gholi f'appartament li jaghmel parti minn blokk ta'

appartamenti fis-sighat bikrin ta' filghodu meta kellhom t-tfal reqdin liema fatti qatt ma kienu emmnuti mill-ewwel Qorti. Da parti tieghu l-appellant ma jafx kif il-parte civile ssubiet dawk l-offizi. Jghid biss li wara li oggezzjona li martu taghmel *party* ghat-tfal li sar jaf bih minn terzi u dan minhabba restrizzjonijiet finanzjarji, laghbitlu daqqa ta' harta waqt li kien qed jiekol u mar jahsel wiccu fil-kamra tal-bajnu izda fi trieqtu 'l hinn wadbitlu siggu tal-pastik, laqtitu f'dahru u waddabulha lura fejn hi qabdet u telqet 'l barra;

5. Illi l-appellant xehed kif ukoll ressaq xhieda biex juri li martu hija wahda li jew isir kif tghid hi jew xejn u li hu ma kellux xelta hlief ibaxxi rasu ghal dak li tghid hi. L-ewwel Qorti, izda, kienet tal-fehma illi l-fatt li ma jafx kif martu kisret subghajha, anke jekk wara dan dahlu fl-istess sodda u ma nnutax li kellha l-gibs ma' idejha, ma setghax jitwemmen u ghalhekk ghazlet li temmen il-verzjoni tal-imputata fejn din setghet tkun emnuta. Strahet ukoll fuq id-dikjarazzjoni *ex admissis* tal-imputat li meta l-parte civile offendietu b'ommu, qabzitlu. L-ewwel Qorti korrettament kkunsidrat li mhux konflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja u ghamlet referenza ghall-gurisprudenza in rigward. Izzid din il-Qorti tosserva illi kif kostantament ritenut l-ewwel Qorti kienet korretta in rigward. Ghaliex "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*" (ara **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** App Krim 9.07.2003 u **I-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et** Qrt Krimi. 19.10.2006). Inoltre kif ritenut mill-gurisprudenza

abbracjata minn din il-Qorti, min ser jiggudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tieghu ma jfissirx li ma jistghax ikun emmnut f'parti ohra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li taghmel dan l-ezercizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-parte civile, xorta wahda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat;

6. Illi hija l-funzjoni ta' din il-Qorti fil-vesti revizorja taghha mhux li tiddeciedi l-kaz mill-gdid jew li tghid kif kienet tiddeciedi l-kaz minflok l-ewwel Qorti izda li tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor l-ezami li jehtieg li jsir huwa dwar is-sentenza appellata. Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali b'mod akkurat u ghalkemm ghandha l-fehma taghha ghaliex l-parte civili waslet biex tesagera l-fatti aktar milli kienu, li fihom nfushom huma gia gravi, ma hemm xejn li jiddemostra li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha mill-ottika ta' ragjonevolment. Ma hemm ebda cirkostanza li sfuggiet lill-ewwel Qorti li setghet twassl lil din il-Qorti biex tahseb li aktar seta' gara hekk milli mod iehor u li konsegwentement il-gudizzju ma kienx *safe and satisfactory*. Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel aggravju qed ikun michud;

7. Illi l-aggravju sussegwenti mbaghad jirrikjedi ezami mill-ottika dwar jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha b'referenza ghall-fatti kif esposti. Dan ghaliex fit-tieni gravam mressaq mill-appellant huwa jishaq illi kontra dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kienu jezistu l-elementi

kollha tal-provokazzjoni wara li jallega li kien provokat fl-incident li ta lok ghall-proceduri kontra tieghu;

8. Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li r-reazzjoni tal-imputat li imbuttaha kienet naxxenti mill-offiza verbali li lisnet il-parte civili fil-konfront ta' ommu. Mela hawn allura si tratta ta' reazzjoni fizika ghal espressjoni verbali. Issa l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghat-tghalim gurisprudenzjali u dak akkademiku fir-rigward tad-difiza tal-provokazzjoni u l-appellant ukoll ghamel referenza ghall-dak ritenut mill-Qrati taghna;

9. L-azzjoni tal-appellant, li ma jafx li ghamel fil-konfront tal-parte civile, tista' tkun klassifikata bhala rizultat ta' provokazzjoni biss kemm il-darba jokkorru l-elementi kollha ravvizati fil-ligi. Fil-ligi taghna, l-iskuzanti tal-provokazzjoni hija ammessa fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna ex artikolu 227 u 230 tal-Kap 9 jew fl-artikolu 325 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Din iggib maghha mhux liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena wara sejbien ta' htija. Skond l-artikolu 235, il-provokazzjoni ma tiswiex lil-hati jekk din ma tkunx sehhet fl-istess waqt tal-azzjoni provenjenti mill-parti offiza. L-ingredjent indispensabbli ghas-success ta' din l-iskuzanti hu li l-azzjoni provokanti u r-rejazzjoni ghaliha jridu jkunu sehhew fl-istess waqt;

10. L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju hu applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna bis-sahha tal-artikolu 230 li jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d), jekk provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna. Harsa ghalhekk lejn

l-artikolu 227 li jiskuza l-omicidju volontarju insibu li dak applikabbli ghal kwistjoni hawn skrutinata huwa s-subartikolu (a) li jipprovdi l-iskuzanti "jekk ikun provokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija. Issa kwantu l-piena, l-artikolu 231 (1) (b) u (c) jipprovdu li akkuzat, u f'dan il-kaz imputat, jinsab hati, jehel piena ta' mhux izjed minn sitt xhur prigunerija jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 u prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur jekk tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218;

11. L-ewwel element indispensabbli ghall-invokazzjoni b'success tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hu dak imsemmi fl-artikolu 235 li jipprovdi hekk: "*Ma jiswiex lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza"*. (Incidentalment dan jghodd ukoll ghall-hsara volontarja meta tkun skuzabbli ex proviso tal-artikolu 325). Fil-kaz odjern, ir-rejazzjoni tal-appellant kienet wahda istantanea u ezegwita immedjatament malli sema' l-kliem dispreggjattiv fil-konfront ta' ommu izda huwa igib bhala difiza l-fatt li ilu jsofri d-dominanza ta' martu sa minn qabel izzewgu. Dan izda ma hu ta' ebda konfort in difiza tieghu ghaliex jmur djametrikament oppost ghal dak stabbilit dwar l-immedjatezza tal-agir;

12. It-tieni element ta' din id-difiza tirrikjedi li r-rejazzjoni tkun provokata minn offiza gravi jew b'delitt kontra l-persuna suggetta ghal-piena ta' aktar minn sena prigunerija. Ma ngiebet l-ebda prova li l-agir tal-parte civile jirrientra f'dawn il-parametri

u ghalhekk anke dan l-element jirrizulta mhux pruvat;

13. Is-subartikolu (c) tal-artikolu 227 imbaghad jipprovdi illi sabiex provokazzjonijiet ohra jitqisu bhala skuzanti jehtieg li jissodisfaw ir-rekwiziti hemm msemmija fosthom li r-raguni ghall-dik l-azzjoni "kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dwar dan, l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone** tas-26 t'Awwissu, 1998 u ma tarax ghaliex ghandha tinoltra dwar elementi li llum huma palezament akkolti. Dak li ghandu jkun konsiderat huwa jekk l-azzjoni tal-imputat hix wahda li tista' titqies bhala rizultat ta' provokazzjoni fit-termini tal-ligi;

14. Illi anke hawn, din id-decizjoni kienet fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti skond il-fatti tal-kaz. Dik id-diskrezjoni m'ghandhiex, fin-normalita', tkun sostitwita fil-fehma ta' din il-Qorti minghajr raguni serja u wara ezami tas-sentenza ma tara ebda raguni ghaliex ghandha taghmel dan. L-ewwel Qorti kienet ferm attenta ghall-fatti kollha kif prezentati miz-zewg partijiet. Anke jekk sabet li z-zewg partijiet ma kienux qed jghidu il-verita' kollha, jew ziedu fatti li ma kienux minnhom, xorta wahda baqghet oggettiva fid-decizjoni taghha u ghalhekk hija l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti li dik tal-ewwel qabilha kienet wahda legalment sostenibbli. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

15. Illi t-tielet gravam tal-appellant jirrigwarda l-piena kominata mill-ewwel Qorti u jikkontendi li anke jekk l-agir tieghu mhux wiehed rizultat ta' provokazzjoni skond il-ligi xorta wahda huwa rizultat ta' provokazzjoni kif mifhum b'mod generali u ghalhekk jimmerita tnaqqis fil-piena. Inoltre, l-fedina penali

tieghu hija wahda "netta" [nadifa] u skond hu l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet il-parte civile li tahti ghal din l-eskalazzjoni. Issa kif osservat *supra*, minkejja li l-appellant ressaq lanjanza dwar il-piena kominata, huwa naqas milli jaghmel talba ghat-tibdil tas-sentenza skond kif jiddisponi l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali. Minkejja dan, l-artikolu 520 tal-istess Kodici, kif emendat bl-att I tal-2018 issa jaghmel applikabbli *inter alia* l-artikolu 143(4), (5) u (6) tal-Kapitolu 12 li jiddisponi fis-subartikolu (4) li talba ghat-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghall-annullament u tibdil tas-sentenza. Issa ghalkemm din titqies hekk b'digriet wara rikors appozitu, din il-Qorti gia fil-passat ghaddiet biex tqis it-talba bhala wahda ghal tibdil anke fin-nuqqas ta' rikors u hekk ser isir f'din l-okkazzjoni;

16. Illi marbut mal-lanjanza tieghu dwar il-piena l-appellant jghid illi l-parte civile rrikorriet ghal dawn il-proceduri u xehdet dak li xehdet sabiex fil-kontenzjuz tinghata ragun u zewgha jkun ordnat johrog mid-dar matrimonjali. L-ewwel Qorti, izda, applikat piena li hija fil-parametri tal-ligi kif vigenti fiz-zmien tar-reat. L-istat tal-fedina penali huwa fattur li hafna drabi jkun mehud in konsiderazzjoni fil-kalibrar tal-piena. Minkejja dan, l-ewwel Qorti ma trattatx lill-imputat bhala *first offender* fejn setghet b'hekk tikkundannah ghall-sentenza komunitarja u ghaddiet ghall-pass li jmiss fil-gradwatorja tal-pieni billi erogat piena karcerarja sospiza. Din il-Qorti mhix ser tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward ladarba ma hemm xejn li jiddimostra karenza fil-kominazzjoni tal-piena. L-istess jinghad dwar l-obbligazzjoni ta' elfejn euro li ukoll hija fil-parametri tal-ligi u ma ghandiex tkun ta' nkwiet lill-appellant ghaliex din hija ezegwibbli

biss fil-kaz li jikser il-ligi billi jagixxi b'mod li jkun meqjus bhala ksur tas-sigurta' tal-parte civile jew tal-ordni pubbliku;

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.